A.L. 313 ta' l-2006

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skemi ta' Investiment Kollettiv (*Income* minn Investiment)

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikoli 41B u 96 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skemi ta' Investiment Kollettiv (*Income* minn Investiment), u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Skemi ta' Investiment Kollettiv (*Income* minn Investiment), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 55 ta' l-2001.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru, 2006.

Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (1) tar-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali, minflok it-tifsira ta' "qlib ta' titoli" jew "qlib" għanda tidħol din li ġejja:–

" "qlib ta' titoli" jew "qlib" tfisser transazzjoni, li biha titoli f'*sub-fund* ta' skema ta' investiment kollettiv jiġu maqluba, jew trasferiti, jew investiti mill-ġdid, jew skambjati, jew b'xi mod ieħor trasformati, f'titoli

(a) f'*sub-fund* ieħor ta' l-istess skema ta' investiment kollettiv iżda:

(i) id-detentur tat-titoli hawn l-aħħar imsemmija għandu jkun l-istess persuna bħalma jkun id-detentur tat-titoli hawn l-ewwel imsemmija; u

(ii) is-sehem miksub fis-*sub-fund* hawn l-aħħar imsemmi għandu jkun isegwi minnufih is-sehem fis-*sub-fund* hawn l-ewwel imsemmi; jew

(b) f'*sub-fund* ta' skema ta' investiment kollettiv oħra, iżda:

(i) din it-transazzjoni għandha tkun issegwi direttament l-approvazzjoni tal-awtorita' kompetenti rilevanti għall-għeluq ta' *sub-fund* jew proċedura ta' stralċ skond id-disposizzjonijiet tat-Titolu II tat-Taqsima V ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, jew proċedura ta' amalgamazzjoni skond id-disposizzjonijiet ta' tat-Taqsima VIII ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, u fl-ebda ċirkostanza ma kellha dik it-transazzjoni tkun ġiet mibdija jew istigata mid-detentur tat-titoli hawn l-ewwel imsemmija; u

Kap. 386.

(ii) id-detentur tat-titoli hawn l-aħħar imsemmija għandu jkun l-istess persuna bħalma jkun id-detentur tat-titoli hawn l-ewwel imsemmija; u

(iii) is-sehem miksub fis-*sub-fund* hawn l-aħħar imsemmi għandu jkun isegwi minnufih is-sehem fis-*sub-fund* hawn l-ewwel imsemmi:

iżda wkoll il-Kummissarju ikun sodisfatt li:

(1) is-*sub-fund* ta' dik l-iskema ta' investiment kollettiv l-oħra għandu jkollu għanijiet ta' investiment li jkunu identiċi għal dawk tas-*sub-fund* hawn l-ewwel imsemmi; u

(2) is-*sub-fund* ta' dik l-iskema ta' investiment kollettiv l-oħra għandu jkun jissuċċedi għad-drittijiet u l-obligazzjonijiet kollha tas-*sub-fund* l-ewwel imsemmi; u

(3) is-*sub-fund* ta' dik l-iskema ta' investiment kollettiv l-oħra għandu jkollha l-istess *investment manager* u l-istess kustodju tas-*sub-fund* l-ewwel imsemmi; u

(4) it-transazzjoni m'għandhiex tkun tinvolvi bdil sostanzjali mill-provvedimenti li għandhom x'jaqsmu maż-żamma fis-*sub-fund* l-ewwel imsemmi.

Għall-finijiet ta' dan il-*proviso*, l-*investment manager* rilevanti għandu jikseb l-approvazzjoni tal-Kummissarju li dawk it-transazzjonijiet kollha mis-*sub-fund* l-ewwel imsemmi lis-*sub-fund* l-aħħar imsemmi għandhom jiġu kunsidrati bħala qlib għall-finijiet ta' dan ir-regolament. Il-Kummissarju jista', qabel ma' jagħti l-kunses tiegħu dwar dan, jitlob dik l-informazzjoni u dawk id-dokumenti li huwa jista' jqis li jkunu meħtieġa.".